MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Numru. 1081/2011

Il-Pulizija
(Sp Therese Sciberras)
vs
Emad M. Beras, iben Mohammed, imwieled il-Libja fl-10 ta' Marzu, 1987, Passaport Libjan numru W336454

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn l-24 u il-25 ta' Settembru, 2011 f'xi ħin bejn is-siegħa u is-sitta ta' fil-għodu ġewwa l-Qawra, San Pawl il-Baħar bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lil Mark Ronald Leighton kontra l-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kkometta serq liema serq hu ta' anqas minn €233 u ikkwalifkat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Mark Ronald Leighton;

3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;
4. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal kliem oxxen jew indeċenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagħa;
5. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PC1280 J. Portelli u PC1350 C. Xuereb jew ma ħalliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor;
6. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 275, 209 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------